**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 31 ta` Mejju 2016**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**MEHDI BEZINE**

**KUMP NRU 172/2014**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputati, **MEHDI BEZINE,** detentur tal-karta tal-identita 40393(M) gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-10 t' Awwissu 2013 ghall-habta tal-10:10pm fi Triq it-Torri, Sliema u/jew fil-vicinanzi;

1. B' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkagunajt griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Edoardo Spiteri u dan ai termini tal-artikol 226 (1) (a) u 226 (1) (b) tal-Kap.9;

2. Nakkuzah aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura (mutur) b'numru ta' registrazzjoni HQZ 275 tal-ghamla Yamaha b'mod perikoluz, traskurat u negligenti u dan ai termini tal-Artiklu 15 (1) (a), (2) (3) Kap 65.

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollha ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tas-17 ta` Frar 2014 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja (ara folio 13);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur u ta` l-Avukat Difensur.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tad-difizaipprezentata fl-udjenza tad-29 ta` Settembru 2015 ;

**Ikkunsidrat**;

Irrizulta sodisfacentement quddiem din il-Qorti illi dakinhar ta` l-incident mertu ta` din il-kawza, l-imputat kien qed isur il-mutur (meta kien fuq xoghol iqassam l-ikel *take-away*) gewwa Triq it-Torri, direzzjoni minn San Giljan lejn tas-Sliema. Meta mbaghad gie fid-dritta, fejn fiha hemm l-istabbiliment bl-isem 'Arcidiacono', waqt li huwa kien qed joqrob lejn it-*traffic lights* li hemm propju ftit il-fuq mill-istabbiliment imsemmi, l-imputat ra li l-*lights* kienu hodor ghalieh, u naturalment kompla jsuq, bil-konsegwenza li ntlaqat l-anzjan Edoardo Spiteri, li kien qed jaqsam minn naha tal-bini/appartamenti lejn in-naha tal-bahar. Huwa ntlaqat ezatt appena kien ser jaqbad il-bankina tan-naha tal-bahar. Fi kliem iehor, l-anzjan kien kwazi qasam.

**Ikkunsidrat** ;

Gie stabbilit mill-provi, a sodisfazzjon tal-ligi, li Edoardo Spiteri sofra, *inter alia*, griehi ta` natura gravi (ara relazzjoni tat-Tabib Mario Scerri).

Gie stabbilit ukoll li fil-mument li fih intlaqat Edoardo Spiteri, il-*lights* kienu hodor ghall-vetturi. Dan hu fatt li gie enfasizzat minn xhieda okulari w indipendenti li

inzertaw kienu fuq il-lok ta` l-incident meta sehh. Gie stabbilit ukoll pero`, illi meta beda jaqsam it-triq l-anzjan Edoardo Spiteri, il-*lights* kienu hodor ghalieh, jigifieri li huwa seta jaqsam. Gie stabbilit ukoll illi l-anzjan huwa xi ftit *slow* fil-mixi tieghu. Il-konkluzjoni legittima ta` dawn ir-rizultanzi processwali hi li Edoardo Spiteri beda jaqsam it-triq meta seta effettivament jaqsam ghax il-*lights* kienu hodor ghalieh. Peress illi huwa *slow* fil-mixi tieghu, meta lehaq kwazi wasal in-naha l-ohra ezattament hdejn il-bankina, jidher li inbidel l-kulur tal-*lights* u gew hodor ghat-traffiku.

Dan hu bazikament il-kaz li ghandha quddiemha din il-Qorti.

In vista ta` l-ilment imressaq mid-difiza fl-udjenza tal-11 ta` Frar 2015 – ilment li jidher li ghandu, *prima facie*, fondament legittimu – din il-Qorti qed tiskarta kompletament id-depozizzjoni li l-imputat ta lill-espert nominat Joseph Zammit fl-istadju ta` l-inkjesta. U konsegwentement qed tiskarta kull referenza li saret ghal tali depozizzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li kien hemm sewqan perikoluz, jew traskurat jew negligenti minn naha ta` l-imputat. Izda l-Qorti hija tal-fehema li <u>d-dinamika ta` l-incident</u> – meta ghandek l-imputat qed isuq fid-dritta, li ma ghandux ostakoli quddiemu, il-vizwali tieghu hija bla xkiel minkejja li kien il-lejl, li kien qed joqrob lejn *traffic lights*, li allura jfisser li jrid izomm aktar minn qatt qabel *a proper look out* – <u>tindika li effettivament kien hemm nuqqas ta` attenzjoni/hsieb minn naha ta` l-imputat</u> li allura, konsegwentement, ghandu jitqies li kien il-kagun ta` dan l-incident - anki jekk pero` jirrizulta illi xi ftit kontributorjeta` minn naha ta` Edoardo Spiteri seta kien hemm. Dan bhala fatt din il-Qorti ser tikkunsidrah in tema ta` sanzjoni.

**Decide**.

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 226(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lil Mehdi Bezine mhux hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u minnha tilliberah skond il-ligi, izda ssibu hati ta` l-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u peress li jissussistu l-

elementi idoneji, tillibera lill-istess Mehdi Bezine bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tnax-il xahar mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Mehdi Bezine fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur